MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2007

Rikors Numru. 111/2007

**Fl-atti tal-kontro-mandat**
**Numru 996/07**

**ABT Limited**

**Vs**

**Adrian Buttigieg**

**Illum, il-Gimgha 4 ta' Mejju 2007**

**Il-Qorti,**

Rat l-ittra ufficjali prezentata mis-socjeta' ABT Limited kontra Adrian Buttigieg nhar il-15 ta' Jannar 2007 ma' 246/07.

Rat illi din l-ittra ufficjali giet notifikata lil Adrian Buttigieg nhar id-19 ta' Jannar 2007.

Rat illi in segwitu s-socjeta' ABT Limited ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' qbid numru 911/07 kontra l-istess Adrian Buttigieg u dan fl-4 ta' April 2007 numru 911/07, u dan a bazi tal-fatt li l-Qorti erronjament giet mgharrfa li l-ittra ufficjali giet reza esegwibbli ai termini ta' l-artiklu 166A tal-Kap 12.

Illi pero' in segwitu jirrizulta skond nota ta' l-assistant registratur tal-Qorti datata 12 ta' April 2007 li Adrian Buttigieg kien effettivament ipprezenta n-nota responsiva tieghu fl-atti ta' l-ittra ufficjali fuq indikat numru 246/07 nhar il-15 ta' Frar 2007 u konsegwentement il-mandat ta' qbid numru 911/07 ma messu qatt gie pprezentat u akkordat.

Illi in segwitu, nhar il-11 ta' April 2007 l-istess Adrian Buttigieg talab sabiex jinhareg kontro-mandat numru 996/07 ghall-mandat ta' qbid numru 911/07 u dan stante li l-ittra ufficjali tal-15 ta' Jannar 2007 qatt ma setghet giet reza esegwibbli meta kien hemm risposta prezentata fl-atti u dan fi zmien it-tletin gurnata skond l-artikolu 166A (4) tal-kap 12.

Konsegwentement il-Qorti qeghda tilqa' t-talba rikorrenti ghall-hrug tal-kontro-mandat 996/07 u tordna li l-ispejjez tal-hrug tal-mandat ta' qbid numru 911/07 u tal-kontro-mandat numru 996/07 ikunu a karigu tar-registratur tal-Qorti Civli.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------